TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

CCT306/12/S

Guzeppa Falzon u Mansweta Falzon

vs

Giuseppe Azzopardi ezercenti l-kummerc bhala Bottega del Marmista

Illum 11 t'April, 2013.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Guzeppa Falzon u Mansweta Falzonipprezentata fit-3 ta'Dicembru, 2012 filwaqt li Giuseppe Azzopardi ghalkemm debitament notifikat, baqa' ma pprezentax risposta u lanqas deher ghas-seduta tat-28 ta'Frar, 2013;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lil Guzeppa Falzon u lil Mansweta Falzon u t-trattazzjoni taghhom maghmula fit-28 ta'Frar, 2013;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda depozitu imhallas filwaqt li x-xoghol ordnat baqa' ma giex ikkonsenjat minn Giuseppe Azzopardi lir-rikorrenti;

Illi t-Tribunal ghandu quddiemu verzjoni wahda u cioe dik ta' Guzeppa Falzon u Mansweta Falzon, konfermata bil-gurament u li ma gewx kontradetti bl-ebda mod mill-intimat Giuseppe Azzopardi;

Illi l-intimat Giuseppe Azzopardi naqas milli jwiegeb ghat-talba ta' Guzeppa Falzon u ta' Mansweta Falzon;

Illi n-nuqqas ta' dehra tal-intimat ma jfissirx li dan it-TRibunal m'ghandux jixtarr dak mitlub u kemm dan hu gustifikat;

Illi r-rikorrenti xehdu li hallsu s-somma ta' €800 lil Giuseppe Azzopardi bhala depozitu ghal 'head stone' u lapida b'zewg vazuni, 4 ihbabat, 6 'frames', fanal u salib, li kollha ma gewx konsenjati;

Illi din l-ordni saret fis-27 ta'Lulju,2011;

Illi mhuwiex accettabbli li jithallas depozitu u dak li jigi imwieghed, ma jitwettaqx;

Illi l-intimat Giuseppe Azzopardi ghazel li ma jwigibx u lanqas deher biex jispjega ghaliex ix-xoghol ordnat ma giex konsenjat;

Illi mill-provi li tressqu, it-Tribunal hu konvint li t-talba kif dedotta ghandha tigi milqugha fl-intier taghha;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegatiu fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba ta' Guzeppa Falzon u Mansweta Falzon u Jordna lil Giuseppe Azzopardi ezercenti l-kummerc bhala Bottega del Marmista ihallas lil Guzeppa Falzon u lil Mansweta Falzon is-somma ta' €800, bl-interessi ta' 8 fil-mija fuq l-imsemmija somma mis-27 ta'Lulju,2011 sad-data tal-eventwali hlas u bl-ispejjez kollha ta'dawn il-proceduri jithallsu mill-istess Giuseppe Azzopardi.

Richard Sladden Av.

Arbitru